MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2007

Appell Kriminali Numru. 377/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marie Manicolo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marie Manicolo talli fl-20 ta' April 2004 ghall-habta tas-2.30 p.m. fi Triq Santa Katarina, Zejtun:

(1) Kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

(2) Insulentat bi kliem lil Consiglio Tabone miz-Zejtun;

(3) Kisret zewg obbligazzjonijiet imposti b'zewg sentenzi tal-Qorti moghtija mill-Magistrat J. Padovani Grima LL.D. datati 7 ta' Ottubru 2003.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz li ssib lill-imsemmija Marie Manicolo hatja tapplika l-artikolu 383 [tal-Kap. 9] tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta` ta' l-istess Consiglio Tabone miz-Zejtun;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Marie Manicolo hatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u, wara li rat l-artikoli 338(dd), 339(e), 383 u 387 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatha hamsin liri Maltin (Lm50) f'ammendi kif koll ikkundannatha mitt liri Maltin (Lm100) multa [***recte:*** penali] ghar-rigward "il-ksur tal-garanzija fis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2003";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Marie Manicolo pprezentat fis-27 ta' Novembru 2006 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberaha minn kull piena u imputazzjoni u, fin-nuqqas, tvarjaha u timmodifikaha fis-sens illi filwaqt filli tigi kkonfermata l-htija tahha, tvarjaha f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena peress illi l-garanziji li hemm referenza ghalihom ma humiex realizzabbli u allura thassarha sa fejn jirrigwarda l-impozizzjoni taghhom fl-ammont ta' mitt liri Maltin (Lm100);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellanti huma fil-qosor is-segwenti: (1) mill-provi jidher li hemm konflitt car dwar dak li allega Consiglio Tabone fil-konfront taghha. L-ewwel Qorti, anke fid-dawl tax-xiehda ta' zewg l-appellanti, li ra l-incident isehh, ghamlet apprezzament ghal kollox hazing, ghaliex mhux biss hi cahdet li qalet il-kliem riportat mill-imsemmi Consiglio Tabone izda addirittura sostniet li kien l-istess Tabone li pprovoka l-incident. Zewgha qal li sema' biss kliem fejn l-imsemmi Tabone allega li gie offiz. Inoltre

jidher li l-ewwel Qorti kienet impressjonata minn xi kawzi precedenti u anke citati fis-sentenza li kienet iggudikat hi u wriet parzjalita` anke in vista tal-mod kif iddeskriviet lil zewg l-appellanti; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, *dato ma non concesso* li din il-Qorti tikkonferma l-htija, ma kellhiex issir il-kundanna ghall-hlas tal-penali peress illi fis-sentenza appellata mhuwiex car ghal liema garanzija qed issir referenza u inoltre hemm mankanza ta' provi f'dar-rigward.

Issa, in materja ta' apprezzament ta' provi, gie kostantement ritenut li huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall--konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Barra minn hekk ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[3].

Fil-kaz in ezami huwa minnu li hemm konflitt ta’ provi. Minn banda hemm ix-xiehda ta’ Consiglio Tabone li spjega c-cirkostanzi li fihom jghid li l-appellanti insulentatu. Mill-banda l-ohra hemm ic-cahda ta’ l-appellanti korroborata mix-xiehda ta’ zewgha.

Filwaqt illi din il-Qorti ma jidhrilhiex illi kien hemm lok li l-ewwel Qorti taghti d-deskrizzjoni li tat tar-ragel ta’ l-appellanti, jibqa’ l-fatt li dik il-Qorti kienet f’pozizzjoni ahjar minn din il-Qorti li tevalwa x-xiehda galadarba hija rat u semghet ix-xhieda. Fil-fatt hija tghid li “kienet f’pozizzjoni illi tevalwa l-atteggjament u l-manjiera li biha xehdu l-protagonisti ta’ dan il-kaz” u li “waslet ghall-konkluzjoni illi l-verzjoni tal-kwerelant Tabone hija dik li hija kredibbli u verosimili, aktar u aktar meta wiehed jgharbel l-inkonsistenzi tangibbli li hemm fix-xiehda ta’ l-imputata Manicolo u r-ragel taghha”. Barra minn hekk, din il-Qorti ezaminat ix-xiehda traskritta u ma setghetx ma tinnutax certi kontradizzjonijiet fix-xiehda ta’ l-appellanti stess. Per ezempju l-ewwel tallega li Consiglio Tabone kien se jtajjarha, u dan meta qalet li kienet fuq ir-rampa, izda mbaghad tghid li kieku kienet ser taqsam kien itajjarha ghax hu ma telax fuq ir-rampa. Tghid li ilha tidher quddiem l-ewwel Qorti kif kienet presjeduta izda mbaghad li qatt ma kellha kwistjoni ta’ xejn u qatt ma wehlet parking ticket. Din il-Qorti ma tistax ma taghmilx referenza wkoll ghall-fedina penali ta’ l-appellanti li, almenu *prima facie*, turi mod iehor milli qalet l-appellanti.

---

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment taccetta bhala aktar veritjera l-verzjoni ta’ Consiglio Tabone dwar id-diskors li dan jghid li l-appellanti qalet fil-konfront tieghu. Fl-istess hin hija tal-fehma li l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni ghax m’hemm l-ebda prova li b’dak li ghamlet l-appellanti kien hemm *a breach of the peace*. Huwa verosimili wkoll illi d-diskors li qalet fil-konfront ta’ Consiglio Tabone kien reazzjoni ghall-fatt li setghet inhasdet meta ghadda mit-triq minn hdejha u hi ma kinitx indunat bih. Dan pero` ma jiggustifikax l-uzu tal-kliem addebitat lilha.

Kwantu ghal dik il-parti tas-sentenza appellata li kkundannat lill-appellanti thallas il-penali ta’ Lm100 stabbiliti bhala garanzija b’sentenza tas-7 ta’ Ottubru 2003, jirrizulta li fis-7 ta’ Ottubru 2003 inghataw zewg sentenzi fil-konfront taghha. Kopji legali ta’ dawn is-sentenzi gew esebiti (a fol. 2 sa 10) u l-Ispettur Nadia Lanzon ikkonfermat l-identita` ta’ l-appellanti. Meta xehdet l-appellanti giet mistoqsija jekk appellatx minn dawk is-sentenzi u hija wiegbet li appellat izda ma komplietx minhabba ragunijiet ta’ sahha. M’hemm l-ebda dubju ghalhekk li s-sentenzi msemmija huma sentenzi definittivi.

Issa, l-appellanti giet akkuzata bi ksur ta’ l-obbligazzjoni fiz-zewg sentenzi, filwaqt illi l-ewwel Qorti rreferiet biss ghal sentenza wahda.

Jirrizulta li f’sentenza wahda kien hemm ko-imputat ma’ l-appellanti certu Mark Manicolo. F’dak il-kaz dawn gew akkkuzati u nstabu hatja, *inter alia*, li ingurjaw u heddew lil Consiglio u Jennifer Margaret Tabone u l-appellanti wahedha li hedded lill-istess persuni b’oggett iebes u tqieghdu taht garanzija ta’ Lm100 ghal sena b’obbligazzjoni li ma jkellmux, ma jdejqux u ma jimmolestawx lill-familja Tabone. Fis-sentenza l-ohra l-appellanti giet akkuzata, *inter alia*, li hebbet ghal Jason Tabone u wkoll tqieghdet taht garanzija ta’ Lm100 ghal sena b’obbligazzjoni li ma tkellimx, ma ddejjaqx u ma timmolestax lill-familja Tabone.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, galadarba l-incident odjern jirrigwarda lil Consiglio Tabone u t-tieni sentenza msemmija kienet tirrigwarda incident li nqala’ ma’ Jason Tabone, ghandha titqies applikabbli l-obbligazzjoni skond l-ewwel sentenza biss, cioe` dik fejn l-appellanti kellha ko-imputat maghha lil Mark Manicolo.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata u ghalhekk tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni u minflok tiddikjaraha mhux hatja taghha u minnha tilliberaha, tirrevokaha in kwantu kkundannatha ghall-hlas ta’ ammenda ta’ Lm50 u minflok tikkundannaha ghall-hlas ta’ ammenda ta’ Lm25 u tikkonfermaha fil-kumplament b’dan li jigi precizat li hija ghandha thallas biss il-penali ta’ Lm100 skond l-obbligazzjoni li ntrabtet biha permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Ottubru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Marie Manicolo u Mark Manicolo**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------